MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 177/1995/1

**Joseph Tabone**

**vs**

**Anthony Tabone u Gemma Tabone mizzewgin, Charles Tabone u Teresa Tabone mizzewgin, Mary u Victor Borg Busuttil mizzewgin.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

1. Premess illi l-attur Joseph Tabone rrenda servigi ghall-perjodu ta’ ghoxrin sena bejn l-1973 sa l-1994, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, lil ommu Emilia li mietet fit-28 ta’ Frar 1994;

2. Premess illi l-attur ma giex adegwatament kompensat bil-prelegat tal-fond 135, Lampuka Street, Paola, liema fond thalla lilu in forza ta’ testment ippubblikat min-Nutar Dottor George Cassar tad-19 ta’ Novembru 1972, Dok ‘A’;

3. U premess illi l-konvenuti Anthony Tabone, Charles Tabone u Mary Borg Busuttil huma l-eredi ta’ ommhom u gew inutilment interpellati jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tas-servigi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur ippresta servigi lil ommu Emilia u konsegwentement huwa kreditur tal-konvenuti ghal tali servigi prestati;

2. Tillikwida tali kumpens dovut ghal servigi rezi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu l-kumpens hekk likwidat;

Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi;

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Tabone** a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-attur irrenda servigi lid-defunta ghall-perjodu ta’ ghoxrin sena bejn l-1973 u l-1994; in effetti, kwalsiasi ghajnuna li l-attur seta’ ippresta lil ommu kienet limitata ghall-ahhar ftit xhur qabel il-mewt taghha, u

ghalhekk l-attur gie adegwatament kompensat bil-prelegat imholli lilu bit-testment tad-defunta u inoltre l-attur ibbenefika materjalment b'mod konsiderevoli matul hajjet l-istess defunta, kif ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens ghandha tittiehed konsiderazzjoni biss tal-perjodu li ghadu ma giex preskritt skond il-ligi a tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gemma u Teresa Tabone** a fol. 21 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-attur irrenda servigi lid-defunta ghall-perjodu ta' ghoxrin sena bejn l-1973 u l-1994; in effetti, kwalsiasi ghajnuna li l-attur seta' ippresta lil ommu kienet limitata ghall-ahhar ftit xhur qabel il-mewt taghha, u ghalhekk l-attur gie adegwatament kompensat bil-prelegat imholli lilu bit-testment tad-defunta u inoltre l-attur ibbenefika materjalment b'mod konsiderevoli matul hajjet l-istess defunta, kif ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens ghandha tittiehed konsiderazzjoni biss tal-perjodu li ghadu ma giex preskritt skond il-ligi a tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent qatt ma gie nterpellat jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi, u dan kontrarjament ghal dak premess fic-citazzjoni, u kwindi m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Tabone** a fol. 18 tal-process fejn eccepew:

1. Illi huma mhumiex il-legittimi kontraditturi stante li mhumiex eredi ta' Emilia Tabone, u dan kif difatti jirrizulta anke mill-istess citazzjoni, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-attur irrenda servigi lid-defunta ghall-perjodu ta' ghoxrin sena bejn l-1973 u l-1994; in effetti, kwalsiasi ghajnuna li l-attur seta' ippresta lil ommu kienet limitata ghall-ahhar ftit xhur qabel il-mewt taghha, u ghalhekk l-attur gie adegwatament kompensat bil-prelegat imholli lilu bit-testment tad-defunta u inoltre l-attur ibbenefika materjalment b'mod konsiderevoli matul hajjet l-istess defunta, kif ser jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, ghall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens ghandha tittiehed konsiderazzjoni biss tal-perjodu li ghadu ma giex preskritt skond il-ligi a tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti qatt ma gew interpellati jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi, u dan kontrarjament ghal dak premess fic-citazzjoni, u kwindi m'ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-kawza odjerna;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mary u Victor mizzewgin Borg Busutill** a fol. 31 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-attur ma ghandu jiehu xejn ta' servigi, li lanqas ma qal x'inhuma. Fatt huwa li l-attur huwa guvni u baqa' joqghod fid-dar tal-genituri. Kien jahdem id-dockyard u

wara l-hin kien jaghmel uzu mill-hanut tal-genituri biex imexxi merkanzija tieghu. L-attur ma darx b'missieru li ma kellu bzonn ebda servigi u miet malajr, u lil ommu, meta ma kinitx tiflah, kien ihalliha wahedha biex joqghod fil-hanut, mentri l-esponenti, li hi l-unika tifla, ghamlet hafna ma' ommha kull meta din kellha bzonn. Anzi l-attur baqa' jgawdi mid-dar u mill-hanut.

2. Illi l-attur qatt ma talab li jithallas ta' servigi qabel ma ghamel din il-kawza, u jidher li din qed jaghmilha biex ma jaqsamx ma' hutu d-dar tal-genituri mhollija lilu b'legat minhabba li dan il-legat, paljat taht servigi jilledi l-legittima spettanti lil hutu skond il-ligi.

3. Illi ghalhekk, u ghal cirkostanzi ohra li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza, d-domandi tal-attur ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-degriet li bih gie nominat il-perit legali Dr. Paul Gauci Maistre a fol 52 tal-process;
Rat ir-relazzjoni a fol 279 tal-process;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-nota ta' Dr.Galea u trattazzjoni ta' Dr.Vassallo;

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-servigi mressqa minn wiehed mill-eredi kontra l-eredi l-ohra u l-konjugi taghhom.

**Talba**

L-attur qed jitlob hlas ghall servigi li hu rrenda lill-mejta ommu Emilia Tabone tul perjodu ta' ghoxrin sena bejn l-1972 u l-1994 meta ha hsiebha imma ma giex kumpensat adegwatament.

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenuti eccepew illi m'huwiex minnu li l-attur irrenda servigi lid-defunta ommhom u li kwalsiasi ghajnuna li hu seta' ppresta lill-ommu kienet limitata ghall-ahhar ftit xhur qabel il-mewt taghha

Il-konvenuti eccepew ukoll li l-attur gie adegwatament kompensat bil-prelegat imholli lilu bit-testment tad-defunta.

Il-konvenuti Gemma Tabone u Teresa Tabone eccepew illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi stante li m'humiex eredi ta' Emilia Tabone.

**Relazzjoni perit legali.**

Il-perit legali nominat minn dina l-Qorti wasal ghall-konkluzzjoni li:

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda u t-talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha billi jigi kkumpensat bis-somma ta' (LM1,140) Euro 2655.49 li huwa l-ammont likwidat bhala spejjes u servigi li rrenda lill-omm il-kontendenti Emilia Tabone.

Il-perit arbitrio boni viri akkorda lill-attur mitejn lira (Lm200) Euro 465.87 bhala spejjes li qed jotlob. Ghalhekk mehud kont in-natura tas-servigi resi, il-grad ta` parentela bejn il-partijiet, u l-livell tal-hajja fiz-zminijiet ta' llum – dejjem, pero`, fid-dawl tad-duttrina gurisprudenzjali li zzomm il-kumpens fil-limiti tal-moderazzjoni u tenut kont ta' l-inflazzjoni minn dak iz-zmien, skond il-perit, il-kumpens ghandu jinhadem fuq kalkolu average ta' LM5 fil-gimgha u dan ghal perjodu ta' tlett snin u tmien xhur; b'hekk l-ammont jitla` ghal – LM940 li flimkien ma' Lm200 ghall-ispejjes inkorsi mill-attur kif aktar qabel spjegat jammonta ghall LM1,140.

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li talba ghal hlas ta' servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. (Vol 24 p1 p1; Vol 25 p1 p 261; Vol 32 p2 p342; Vol 33 p1 p 285; Vol 38 p1 p 207; PA Bonanno vs Attard 11/11/1994; Vella vs Borg App 16/9/1994; Formosa vs Gauci PA 6/10/1997; PA

Pace vs Agius 17/1/2005; App Sciberras vs Spiteri 1/4/2005).

L-attur isostni li r-rikonoxximent tas-servigi fit-testment tal-genituri jservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk tkun ghalqet u din l-interuzzjoni tibqa' topera dietim cjoe tul iz-zmien li t-testment jibqa' validu, f'dan il-kaz sal-mewt, cjoe fin 1994.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz ir-rikonoxximent li sar fit-testment kien ghas-servigi li l-attur kien irrenda san 1972, u taghhom inghata d-dar bhala legat, imma ma kien hemm xejn x'jorbot lill-attur li kellu jibqa' jippresta servigi minn hemm il-quddiem. Interpretazzjoni mod iehor tfisser li legat kellu jkopri l-kumpens kollhu dovut lill-attur sal mewt tal-genituri.

Jirrizulta li s-servigi li ghalihom qed jintalab il-hlas addizzjonali gew rezi fuq perjodu ta' cirka 22 sena, u dawn il-proceduri gew istitwiti fis-7 ta' April, 1995 cioe` cirka sena u xaharejn  minn l-ahhar data li gew rezi xi servigi. L-attur ma ressaq ebda prova fis-sens illi huwa nterrompa il-preskrizzjoni b'xi att gudizzjarju qabel dik id–data u lanqas jirrizulta li d-debituri rrikonoxxew l-obbligu taghhom ghall-hlas ta' servigi anzi huma kkontestaw it-talba ta' l-attur kif jirrizulta wkoll mill-eccezzjonijiet. Ghalhekk l-attur ghandu biss dritt ta' kumpens ghall-ahhar **tlett snin u tmien xhur tal-hajja** tal-mejta Emilia Tabone.

**L-eccezzjoni tal-konjugi tal-eredi li m'humiex il-legittimi kontraditturi sollevata minn Gemma u Teresa Tabone:**

Kif gie ritenut fil-kawza Citaz: numru 1664/99 AJM fl-ismijiet Emanuel Hayman et vs Mary Caruana et tat-8 ta' Jannar 2001 is-subinciz (f) ta' l-artikolu 1327 tal-Kap 16 jiddisponi li fost *d-djun li ghalihom il-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jaghmlu tajjeb, insibu kull dejn jew indenizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.*

Fil-kaz in ezami t-talba attrici tista’ twassal sabiex l-eredi tal-mejta, Anthony u Carmelo Tabone u Mary Borg Busuttil u Gemma u Teresa Tabone u Victor Borg Busuttil cioe l-konjugi tal-eccipjenti, jigu dikjarati responsabbli ghal hlas ta’ ammont dovut bhala kumpens ghall-servigi rezi mill-attur lill-mejta ommhom. L-eventwali kundanna tammonta ghall-rimedju civili li jinnecessita’ l-presenza tal-konjugi bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Gemma u Teresa Tabone ma’ tistax tigi milqugha.

**Talba tal-attur ghal-hlas ta’ servigi.**

Kif gie kkonfermat fis-sentenzi Citaz. Numru 1843/98GV Annunzjzta Brincat vs Joseph Aquilina noe deciza fil 31 ta’ Mejju 2002. u Citaz Numru 1381/93 TM Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius deciza fil-11 ta’ Dicembru 2003 dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, il-gurisprudenza stabbiliet tlett kriterji li ghandhom jigu addottati sabiex jigi likwidat tali kumpens: (i) il-frekwenza u x-xorta ta’ servigi, (ii) il-mezzi tal-konvenuta u (iii) il-parentela ta’ min jirrendi s-servigi ma’ min juzufruwixxi mill-istess servigi. (Ara Vassallo vs Aquilina – Prim Awla 29 ta’ Gunju, 1982, Cutajar vs Vella – Prim Awla 6 ta’ April, 1982, u Buhagiar vs Mifsud –Prim Awla 1 ta’ Frar, 1983).

**Illi dwar il-frekwenza u n-natura ta’ servigi rezi** mill-attur, il-perit legali jghid li mill-provi prodotti rrizulta li f’dan il-kaz, fil-perjodu in kwistjoni ma jidhirx li d-decujus qatt kienet bed ridden jew kellha bzonn xi forma ta’ ghajnuna specjali ghall-bzonnijiet personali taghha, pero`, bhala mara anzjana kienet tiddependi fuq l-attur ghal certi affarijiet u n-natura tas-servigi rezi minnu lill-ommu kienu ta’ bil-fors jirrikjedu certu konsistenza, impenn u dedikazzjoni da parti tieghu. L-attur kien jghix ma’ ommu fl-istess dar u ghalhekk ghalkemm hu kellu certa rabta, fl-istess hin il-fatt li kien qed jaghti dawn is-servigi mill-kumdita’ ta’ daru kien ta’ anqas skumdita’ u inkonvenjent ghalih.

**Dwar il-mezzi tal-konvenuti** ma jirrizultax li ngabet ebda prova li dwar il-mezzi finanzjarji taghhom. Il-Qorti tirrileva li hawn pero’ l-attur hu fl-istess sitwazzjoni bhal co-eredi l-ohra konsiderando li dak li hu dovut ghal servigi rezi huwa dejn tal-assi tad-decujus, u hu jrid ibati sehemu wkoll. (ara Ellul vs Gauci et noe P.A. 9 ta’ Frar 1983).

In kwantu jirrigwarda **t-tielet kriterju,** u cioe’ l-livell ta’ parentela, l-fatt li s-servigi jigu rezi lill-genituri ma jnaqqas xejn mid-dritt li l-attur jitlob kumpens - Ara P.A. “Farrugia vs Camilleri”, deciza fid-29 ta` Frar, 1996, u “Attard vs Attard”, deciza P.A. fit-13 ta`Ottubru, 1989, fejn jinghad li *“rigward il-kwistjoni ta` servigi rezi l-posizzjoni skond il-gurisprudenza ricenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li ‘kwalunkwe servigi ghandu jigu ritenuti pprestati bi speranza ta` kumpens’. Biex taqa` din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`. L-intenzjoni tal-gratuwita` u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi m`ghandhomx jigu akkolti facilment”.*

Fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qrati taghna joqghodu attenti li jzommu l-kumpens fil-moderazzjoni, u qatt ma jaghtu kumpens ekwivalenti ghal hlas li kien isir kieku dik l-assistenza inghatat minn barrani ingaggjat regolarment, u dan peress li s-servigi resi bejn qraba jkollhom element ta` gratwita` moghtija *pietatis vel familiaritatis causa.*

Kontestatzzjoni

Skond testment ezibit a fol 6 tal-process, lill-attur kien thallilu mill-genituri tieghu b’titolu ta’ legat konsegwibbli wara l-mewt taghhom in piena proprejta’ id-dar 135 Lampuka Street, Casal Paola, “u dan b’kumpens tal-kura, servigi u assistenza li hu pprestalhom sallum” (data tat-testment 1972). L-attur jippretendi li ghadu ma giex kumpensat adegwatament minn wara in 1972 san 1994. Dwar dak sollevat mill-konvenuti rigwardanti il-valur tad-dar imhollija b’legat, il-Qorti hi tal-fehma li dina l-kwistjoni hi rrilevanti billi l-legat kien thalla bhala kumpens ghas-servizzi li l-attur kien ippresta sad data tat-testment, cjoe

san 1972 u ma kienx ikopri s-servizzi ulterjuri li tah san 1994.

Fl-affidavit tieghu l-attur jelenka lista ta' servizzi li hu ppresta. Hu qed jippretendi ukoll li jigi kkumpensat ghall-ispejjes li ghamel, fosthom  xoghol ta' mautenzzjoni fid-dar u oggetti mixtrija li kellha bzonn ommu.

Minn naha taghhom il-konvenuti wiegbu li kwalsiasi ghajnuna li l-attur seta' tah lill-ommu kienet limitata ghall-ahhar ftit xhur qabel il-mewt taghha ghax ommu damet fuq saqajha kwazi sa l-ahhar sitt xhur ta' hajjitha. Ghalhekk isostnu li l-attur gie adegwatament kompensat bil-prelegat imholli lilu bit-testment taghha kif ukoll ibbenefika materjalment b'mod konsiderevoli matul hajjet ommhom. Il-konvenuta Mary Borg Busutill semmiet is-servizzi li omm l-attur kienet ghamlet ghalih sakemm baqghet tiflah. Tghid li ommha kienet tiehu hsieb l-attur kuljum, tahsillu, issajjarlu u tqum kmieni sabiex tlestilu l-ikel ghax-xoghol qabel ma jitlaq ghat-Tarzna. Mary Borg Busutill imbaghad  telenka s-servizzi li hija wkoll ipprestat lill-ommha. (Ara fol 378).

Tikkunsidra

Xoghol ta' manutenzjoni u oggetti mixtrija

L-attur qed jitlob hlas ghall xi oggetti li xtara lill-ommu u ghall-ispejjes li ghamel fil-manutenzjoni tad-dar. L-attur elenka diversi ogetti li xtara li jmorru lura ghall-perijodu twil qabel ma mietet ommu. Hafna minn dawn l-affarijiet li l-attur ighid li xtara ghad-dar kienu anke jinxtraw xorta wahda kieku kien joqghod wahdu.  Dan apparti mill-fatt illi, apparti li baqa' jgawdi d-dar, huwa gawda minn dawn l-oggetti mixtrija u diversi minnhom baqghu ghandu. Oggetti ohrajn minhabba it-trapass taz-zmien, parti mit-talba tieghu ghalihom hija zgur preskritta.

L-attur semma' li kien jaghmel xoghol ta' manteniment fid-dar. Ghalkemm dan mhux kontestat, l-attur kien jaghmel dana ghax hu kien ighix hemm ukoll u kien jaf li kien se jiritha. Ghalhekk l-attur kien qed jiehu hsieb proprjeta li

kienet ser tkun tieghu. Kif qalet dina l-Qorti fil-kawza "Cutajar vs Vella", deciza fis-6 ta` April, 1982, meta l-Qorti tigi biex tillikwida l-kumpens dovut hi ghandha tikkunsidra wkoll il-beneficcji jew kumpensi gawduti mill-qaddej.

Servigi lill Emilia Tabone

L-attur talab hlas ghas-servigi ghax kien idur b'ommu kif ukoll hlas ghal spejjez li ghamel biex imantniha. Mill-provi jidher li s-servigi li rrenda l-attur lill-ommu ghalkemm kienu ta' impenn kontinwu u ta' kull jum, dawn pero' ma kienux tali fis-sens illi l-attur kien marbut 24 siegha kuljum. Fil-fatt kien hemm persuni ohra li kienu jghinu wkoll. Ommu ma kienitx bed ridden u ghalhekk ma kellhiex bzonn kura kontinwa (hlief forsi fl-ahhar ftit zmien ta' hajjietha) ghax kienet fuq saqajha u kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha. Hi ma kienetx marida jew mixhuta f'sodda fejn allura kienet tkun tirrikjedi assistenza kontinwa, konsistenti, 'il bicca l-kbira, f'hasil tal-persuna, tqandil u tibdil ta' anke l-hwejjeg. Kien pjuttost xoghol normali li wiehed jistenna li l-ulied ghandhom jaghmlu b'imhabba lejn il-genituri taghhom. (L-ommijiet qatt ma jitolbu kumpens lill-uliedhom talli jrabbuhom).

Jirrizulta li omm l-attur ma kientx nieqsa mill-flus u kienet thalli l-flus id-dar (biex ma turix x'ghandha) u mhux verosimili li omm l-attur ma kienitx se taghti flus lill-attur ghall-bzonnijiet taghha. Skond l-istess attur ommu dejjem kienet thallas lill ohtu meta dina kien tmur tghin id-dar ghalhekk wiehed jistenna li kienet taghmel l-istess ma' l-attur. Jekk le, wiehed kien jistenna li l-attur jitlob il-flus lill-ommu meta kien ikun hemm bzonn u mhux jistenna biex jitlob dawn il-flus minghand hutu wara li tmut ommu u hadd ma jkun jista' jmerih.

F'sitwazzjonijiet bhal dawn, fejn ighaddi hafna zmien, fejn hemm piki bejn l-ahwa, u fejn it-talba tkun ghal hlas ta' ghajnuna li tkun inghatat lill-genituri meta normalment wiehed ma jaghmilx dana ghall interessi, huwa difficli li jigi stabilit verament x'ghandu jithallas l-attur. Il-Qorti se takkorda kumpens arbitrio boni viri ta' Euro 1164.69 lill-

attur ghal serivgi li ppresta lill ommu. Dina s-somma hija appositament moderata in vista’ ta’ dawn il-fatturi:

Il-fatt li bhala ko-eredi ma hutu l-attur irid ukoll jbati sehemu. (Dan il-fatt ma giex konsidrat mill-perit legali);
Il-parentela: is-servigi gew resi mill-attur lill-ommu.
Il-fatt li hu usufruwixxa mill-istess servigi: (ighix fid-dar ma’ ommu; gawda d-dar u l-hanut u l-oggetti ta’ go fihom);
Li hu diga ha dar bhala kumpens ghall-servigi simili f’perjodu anterjuri;

Dwar l-ispejjez mitluba il-Qorti se takkordalu Euro 233 ghall-istess ragunijiet imsemmija hawn fuq u dawk imsemmija fis-sentenza f’dak ir-rigward.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi;
Tilqa t-talba ta’ l-attur;
Tiddikjara illi l-attur ippresta servigi lil ommu Emilia u konsegwentement huwa kreditur tal-konvenuti ghal tali servigi prestati;
Tillikwida tali kumpens dovut ghal servigi rezi fl-ammont ta’ (elf tlett mija u sebgha u disghin Ewro u disgha u sittin centezmu) Euro 1397.69 ;
Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu l-kumpens hekk likwidat;
Bl-ispejjez ghall-konvenuti;
Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------